# Ir-Riforma Edukattiva: Deċiżjonijiet

minn Leonard Grech

Nhar l-Erbgħa 25 ta' Novembru l-Ministeru tal-Edukazzjoni ħabbar xi deċiżjonijiet importanti li jolqtu l-qasam edukattiv. Fejn jidħlu l-iskejjel tal-Knisja, dawn id-deċiżjonijiet saru bi qbil mal-awtoritajiet konċernati. Tajjeb ngħidu li dawn id-deċiżjonijiet ilhom jiġu studjati. Sena ilu saru l-proposti li kienu bbażati fuq id-dokument *Transition From Primary To secondary Schools In Malta: A Review*. Ħafna kienu dawk li għamlu l-proposti tagħhom. L-ideat differenti ġew studjati u issa wasal il-waqt li ilu tant mistenni. Dawn huma xi deċiżjonijiet ta' interess għall-ġenituri.

**Mejju 2010**

F'Mejju li ġej se jsir għall-aħħar darba l-eżami tal-Junior Lyceum u dak tal-Common Entrance. Dan iservi għal skop ta' silezzjoni. Tibdila sinifikanti hi li se jitneħħa l-eżami tal-Istudji Soċjali u għalhekk l-istudenti se jiġu eżaminati f'erba' suġġetti, jiġifieri fil-Malti, fl-Ingliż, fil-Matematika u fir-Reliġjon. L-Istudji Soċjali tneħħa mhux għax huwa suġġett ta' anqas importanza, imma għax għal skop ta' silezzjoni mhemmx għalfejn ikun eżaminat ukoll. Huwa suġġett interessanti ħafna u se nkomplu ngħallmuh fl-iskejjel tagħna. Ngħidu wkoll li għas-suġġetti eżaminabbli f'Mejju li ġej is-sillabi tal-eżamijiet tal-Junior Lyceum u tal-Common Entrance jibqgħu komuni. Se jibqa' wkoll ir-resit għal dawk li jagħmlu l-Junior Lyceum u jeħlu minn suġġett wieħed.

**Ġunju 2011**

F'Ġunju 2011 se jibda eżami ġdid li se jieħu post dak li kien l-eżami tal-Junior Lyceum u tal-Common Entrance. Dan l-eżami jsir fl-aħħar ġimgħat tal-Year 6, jiġifieri meta t-tfal ikunu se jispiċċaw l-edukazzjoni Primarja tagħhom. Is-suġġetti eżaminati jkunu l-Malti, l-Ingliż u l-Matematika. Dawn ikunu eżamijiet issettjati u mmarkati miċ-ċentru. L-assessjar ta' suġġetti oħra jkun imfassal mill-iskola.
Tajjeb ngħidu li fil-Malti u fl-Ingliż se jidħol l-assessjar tal-oral, jiġifieri tal-lingwa mitkellma. Dan jista' jkun issettjat miċ-ċentru jew imfassal mill-iskola. L-oral se jiżdied mal-*Listening Comprehension*, li ilu jeżisti għal bosta snin. Biż-żieda tiegħu se nsaħħu t-tagħlim ta' dan l-aspett tal-lingwa. Ma rridux li t-tfal ikunu, ngħidu aħna, kapaċi jiktbu bl-Ingliż imma mbagħad isibuha tant diffiċli jitkellmuh.
Għedna li dan l-eżami ġdid se jkun wieħed nazzjonali u għalhekk se jkun miftuħ kemm għall-iskejjel tal-istat kif ukoll dawk tal-Knisja u Indipendenti.
**Għalfejn se jservi?** Mhux għal skop ta' silezzjoni imma biex naraw fiex inhuma l-kapaċitajiet tal-istudenti. Dan it-tagħrif iservi biex nippjanaw aħjar programmi ta' tagħlim għat-tfal li mill-Year 6 jitilgħu Form 1.

**Settembru 2011**

Ikun wasal iż-żmien li tfal li bħalissa jinsabu fil-Year 5, jitilgħu fil-Form 1 wara li jkunu għamlu l-eżami f'Ġunju ta' qabel. Mhux se jibqa' Junior Lyceum u Skola Sekondarja. Ejja nitkellmu fuq l-iskejjel tal-Istat u naraw x'se jiġri. F'kull Kulleġġ ikun hemm skola sekondarja tal-bniet u oħra tas-subien. **Imma b'liema metodu se jsir it-tqassim tat-tfal fil-klassijiet?**
Il-prinċipju ġenerali hu li l-istudenti jkunu fi klassijiet b'abbiltajiet imħallta kif kienet l-esperjenza tagħhom matul is-sitt snin fil-Primarja. Nafu li min hu tajjeb f'ħaġa u min hu tajjeb f'oħra. Għalhekk it-taħlit ta' ħiliet jagħmel il-ġid u jgħin lit-tfal jitgħallmu

minn xulxin. Mis-sena skolastika li għaddiet l-għalliema tal-Primarja bdew taħriġ fuq metodi ta' tagħlim li jħallu effett pożittiv fuq it-tfal. F'kelma oħra dawn huma metodi li jgħinu lit-tfal jitgħallmu aktar. Dan it-taħriġ għall-għalliema qed ikompli din is-sena u jrid ikun imwessa' biex jasal ukoll għand l-għalliema tas-Sekondarja. Dawn tal-aħħar se jkunu ffaċċjati b'realtà ġdida f'Settembru 2011. Tajjeb ngħidu wkoll li apparti t-taħriġ, l-għalliema qed ikollhom ukoll bosta sapport ieħor. Ġew impjegati *trainee psychologists, counsellors, youth leaders,* u *prefects of discipline* fost l-oħrajn.

**Għajnuna Speċjalizzata**

Kemm fil-Primarja kif ukoll fis-Sekondarja ssib tfal u żgħażagħ li jkollhom problemi ta' min jagħti kashom. L-istudenti jirċievu l-għajnuna fuq bażi individwali kif ukoll bħala grupp. Dan huwa l-għan li qed jiġu mwaqqfa *Nurture Groups* fil-Primarja u *Learning Support Zones* fis-Sekondarja. F'xi ħinijiet tal-ġurnata l-istudenti joħorġu mill-klassi biex ikollhom għajnuna speċjalizzata. L-għan aħħari hu li l-istudent jakkwista l-ħiliet meħtieġa (li jistgħu jinkludu dawk ta' kif wieħed għandu jġib ruħu) ħalli jkun jista' jkompli normali ma' sħabu tal-klassi. Tajjeb ngħidu li b'dak li qed isir l-għalliema qegħdin jirċievu (u se jkomplu jirċievu) għajnuna f'dak li hu mmaniġġjar tal-klassi.

**Setting**

Għedna li l-istudenti se jkunu fi klassijiet b'abbiltajiet imħallta. Imma din mhix l-istampa kompleta. Aktar 'il fuq għedna wkoll li l-istudenti jagħmlu eżami nazzjonali fl-aħħar tal-Primarja. Għalhekk se jkollna evidenza dwar il-ħiliet akkademiċi tal-istudenti fil-Malti, fl-Ingliż u fil-Matematika. Huwa ppjanat li f'dawn is-suġġetti jsir is-setting. X'inhu setting? Ejja ngħidu li Berta tajba ħafna fil-Matematika u batuta fl-Ingliż. Għal-lezzjoni tal-Matematika Berta tkun fi grupp ma' tfal kapaċi bħalha. Għal-lezzjoni tal-Ingliż jiġri l-istess, tkun ma' studenti tal-livell tagħha f'dak is-suġġett. Mela għal suġġetti speċifiċi mhux it-tfal kollha se jkunu qed isegwu l-istess programm ta' tagħlim. Ikunu fil-grupp l-aktar addattat għalihom.

***Streaming* u Setting**

Dawn mhumiex l-istess ħaġa għax hemm differenza fundamentali. Bi *streaming* nifhmu li student jibda u jispiċċa s-sena skolastika fi klassi partikolari. Jitgħallem is-suġġetti kollha dejjem mal-istess grupp. Is-setting huwa differenti. Fis-setting il-grupp jiġi ffurmat għat-tagħlim ta' suġġetti partikolari kif spjegajt fuq. Jiġifieri jkun hemm ħinijiet meta l-istudenti ta' abbiltajiet imħallta jkunu flimkien. Barra minn hekk studenta jkollha ċ-ċans tħalli s-sett li tkun fih u tmur ma' ieħor bi programm aktar avvanzat jekk hi tagħmel il-progress akkademiku fis-suġġett partikolari. Naturalment l-assessjar tal-istudenti jkun abbinat mal-livell tal-programmi li jkunu qed isegwu.

**Skejjel tal-Knisja**

L-ewwelnett se jkollna skejjel tal-Knisja li se jkabbru n-numru ta' studenti li jieħdu. Se jkollna wkoll skejjel Sekondarji tal-Knisja li se jibnu l-iskola Primarja tagħhom filwaqt li se jkollna skola Primarja li se tibni s-Sekondarja tagħha. Hekk, it-tfal ikollhom il-kontinwità fl-edukazzjoni tagħhom.
Se jibqa' l-prinċipju li l-aħwa jidħlu fl-istess skola. Tfal li jkunu fi djar tal-Knisja jkollhom id-dritt ikunu edukati fl-iskejjel tal-Knisja. Se jibqa' wkoll dħul f'każijiet umanitarji gravi.
**Tfal li jattendu skola Primarja tal-knisja li m'għandhiex Sekondarja se jkollhom post assigurat fi skola sekondarja tal-Knisja.**

Mistoqsija li ħafna jistaqsu hija din. **Hemm ċans li studenti fil-Year 6 tal-Gvern imorru fi skola Sekondarja tal-Knisja?**
It-tweġiba hija iva. Joħorġu applikazzjonijiet biex jimtlew postijiet vakanti fl-iskejjel Sekondarji tal-Knisja. L-għażla ssir permezz tal-lotterija.

**Konklużjoni**

Pass wara pass ir-riforma edukattiva qed issir realtà. L-għan hu li t-tagħlim jitjieb u l-istandards jogħlew. Qed nagħtu kas il-bżonnijiet tat-tfal kollha biex kulħadd jieħu dak li ħaqqu u għandu dritt għalih. Dan ikun ta' ġid kemm għall-individwu kif ukoll għal pajjiżna li jrid jimxi 'l quddiem f'dinja li qed tinbidel kuljum u ssir dejjem aktar kompetittiva.

---

Leonard Grech huwa Assistent Diettur fid-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni.